## Mill-ħajja tal-parroċċa
### matul ix-xhur ta' Lulju – Diċembru 2015 u Jannar – Frar 2016

**Ingħaqdu flimkien fi Żwieġ Nisrani (Lulju 2015 – Frar 2016)**

(25/07/2015) Roderick Camilleri u Mariella Grima
(05/09/2015) Emanuel (k/a Eman) Cardona u Christine Muscat
(07/09/2015) Daniel Said u Stefanie Mizzi
(12/09/2015) Justin Sammut u Alexia Sammut
(21/09/2015) Ian Fenech u Corinne Gatt
(26/09/2015) Christian Bartolo u Rosanne Seychell
(27/09/2015) Anthony John Quayle u Elaine Mary Winifred Shepherd
(09/10/2015) Charles Cassar u Elizabeth Mallia
(10/10/2015) James Farrugia u Rebecca Anastasi
(17/10/2015) Kurt Bartolo u Mary Joy April Tinio
(13/02/2016) Thomas Giuliano u Adriana Calleja
(14/02/2016) Jean Paul Galea u Marija Demanuele



**Ingħaqdu mal-Mulej fis-Sema (Settembru 2015 – Frar 2016)**

(07/09/2015) Beatrice Busuttil
(11/09/2015) Gianni Bugeja Tate
(04/11/2015) Margaret Anne Vella
(23/11/2015) Joseph Sciberras
(10/12/2015) Anthony Mercieca
(27/12/2015) Angela Vassallo
(18/01/2016) Carmela Parnis
(22/01/2016) Giovanni Scicluna
(23/01/2016) Joseph Galea



**Ingħaqdu mal-Komunità Nisranija permezz tal-Magħmudija.**

(08/08/2015) Maverick Azzoppardi
(27/09/2015) Kai Brincat
(27/09/2015) Carlos Micallef
(27/09/2015) Cole Micallef
(27/09/2015) Lucas Abela
(27/09/2015) Nadia Gatt
(25/10/2015) Emma Micallef
(25/10/2015) Adele Chetcuti
(25/10/2015) Kenzie-Logan Bonnici
(15/11/2015) Luke Azzopardi
(15/11/2015) Mia Avery Zammit
(20/12/2015) Amelia Zerafa
(27/12/2015) Jamie Sant
(27/12/2015) Rebecca Muscat-Baron
(27/12/2015) James Calleja
(03/01/2016) Liam Borg di Felice
(07/02/2016) Martina Sacco
(13/02/2016) Amy Enriquez







ímsíebaħ
PARROĊĊA SANTA MARIJA - BIRKIRKARA
April 2016

## ĦSIBIJIET MILL-BOLLA TAL-FTUĦ TAL-ĠUBLEW STRAORDINARJU TAL-ĦNIENA
***(il-ħames parti)***

Hawn min jaħseb li l-mogħdrija u l-ħniena huma dgħufija, imma fl-istorja Alla wriena li huma kwalitajiet ta' min hu tassew qawwi. Dan narawh f'Alla, li l-ħin kollu jinsab ħdejna, lest biex jaħfrilna u jgħinna. Il-Bibbja turina kemm Alla jieħu paċenzja u kif dejjem tirbaħ it-tjieba tiegħu. Is-Salmi fihom espressjonijiet ta' faraġ u kuraġġ għal min jixtieq iduq il-ħniena t'Alla, li jaħfer, ifejjaq u li jrid iħaddan miegħu lil kulħadd.

Il-ħniena ta' Alla mhix xi ħaġa fl-ajru. Tinsab fil-ġewwieni tiegħu u tfur 'il barra, bħal dik ta' omm u ta' missier li ma jistgħux jaħbu l-emozzjonijiet tagħhom fl-imħabba lejn uliedhom. F'Alla, il-ħniena hi sentiment naturali ta' ħlewwa, ta' mogħdrija u maħfra. Mhux ta' b'xejn li wieħed mis-Salmi (numru 136), li fih ritornell għal 26 darba: "Għal dejjem hi l-ħniena tiegħu"; se jkun fuq ilsienna matul din is-sena fl-innu tal-Ġublew. B'dan is-Salm inkantaw kif fl-istorja tas-salvazzjoni, il-bniedem kien dejjem taħt il-ħarsa ħanina tal-Missier. Ġesù kanta dan is-Salm mad-dixxipli tiegħu ftit qabel l-Aħħar Ikla, fejn fetaħ beraħ l-imħabba tiegħu. Ikun tajjeb li aħna wkoll nirrepetu kuljum fit-talb tagħna dan il-vers: "Għal dejjem hi l-ħniena tiegħu".

Meta nkunu midħla tal-Vanġelu, nifhmu għaliex l-ittra li biha l-Papa Franġisku ta bidu għall-Ġublew tal-Ħniena semmieha *Misericordiae Vultus*, il-Wiċċ tal-Ħniena t'Alla, li hu Ġesù Kristu. L-aqwa idea tal-Missier tahielna Ibnu. U 'l quddiem, id-dixxiplu maħbub Ġwanni ġabar fi tliet kelmiet l-idea li tana Ġesù dwar il-Missier: "Alla hu Mħabba". L-imħabba li dehret fostna nistgħu mmissuha b'idejna fil-ħajja kollha ta' Ġesù, kif missewha l-foqra, il-morda, l-imwarrbin u l-midinbin. Fost oħrajn, Ġesù ġietu ħasra għall-armla ta' Najm, li kien mitilha binha l-waħdieni u Ġesù tahulha ħaj mill-ġdid. Ġesù waqaf quddiem il-mejda tat-taxxi u ħares b'imħabba ħanina lejn Mattew, raġel meqjus min-nies bħala midneb. Ġesù, minflok, iressqu lejh, juri fiduċja fih u jsejjaħlu biex ikun wieħed mid- dixxipli tiegħu.

Illum ukoll, il-Mulej għadu jħares bl-istess ħarsa ta' ħniena, u din il-ħarsa se tibqa' msammra bil-ħlewwa fuqna lkoll, għax: "Għal dejjem hi l-ħniena tiegħu".

*(tkompli fil-ħarġiet li jmiss)*
Kunu mberkin
***Dun Reuben Deguara***
Kappillan

Uffiċċju Parrokkjali, 130 Triq E.B. Vella, Birkirkara BKR 1570 • Tel: 21 448 026 / 27 448 026 • E-mail: parrocca.b'kara.sm@maltadiocese.org

# Djarju - April 2016

| | |
|---|---|
| | Matul il-Ġimgħa ta' wara l-Għid, (mit-Tnejn 28 ta' Marzu sas-Sibt 2 ta' April) qabel il-Quddiesa tas-6:00pm, membri tal-Grupp tal-Ħniena Divina ser imexxu t-talba tan-Novena u l-Kurunella tal-Ħniena Divina. |
| **Il-Ġimgħa 1** | L-ewwel ġimgħa tax-xahar. Filgħodu jsir it-tqarbin tal-morda mill-kappillan. L-espożizzjoni għal dax-xahar ser issir filgħaxija biss peress li nhar il-Ħadd li taħbat il-festa tal-Ħniena Divina. Għaldaqstant illum ser ikolna adorazzjoni fis-skiet mill-4:30pm sal-5:30pm. |
| **Il-Ħadd 3** | **It-Tieni Ħadd tal-Għid - Festa tal-Ħniena Divina.**<br>Fis-7:00am, fit-8:30am u fl-10:00am Quddies bil-Kant u bl-Omelija.<br>Fl-4:00pm Adorazzjoni fis-skiet u jkun hemm il-Qrar.<br>Fil-4:45pm Adorazzjoni Solenni immexxija mill-Grupp tal-Ħniena Divina, li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.<br>Fis-6:00pm Quddiesa Solenni bis-sehem tal-Kor Parrokkjali u l-abbatini li fiha niċċelebraw din il-festa u ntemmu flimkien l-Ottava tal-Għid. Inħeġġukom ħafna biex f'din is-sena tal-Ġublew tal-Ħniena, nieħdu l-opportunità u nieħdu sehem b'mod attiv f'din il-festa. |
| **It-Tnejn 4** | **It-Tħabbira tal-Mulej – Solennità trasferita**<br>Il-quddies ikun bħal nhar ta' xogħol (7:00am, 8:30am u 6:00pm). Xieraq li nqaddsu dil-ġurnata billi nieħdu sehem fil-quddies. |
| **It-Tlieta 5** | Wara l-quddiesa tas-6:00pm: laqgħa dwar il-Venġelu tal-Ħadd li ġej. |
| **Il-Ħamis 7** | Wara l-quddiesa tas-6:00pm: ftit ħin ta' adorazzjoni u Barka Sagramentali |
| **Il-Ħadd 10** | **It-Tielet Ħadd tal-Għid**<br>Ġesù jidher lid-dixxipli ħdejn il-baħar ta' Tiberija. |
| **It-Tlieta 12** | Wara l-quddiesa tas-6:00pm: laqgħa dwar il-Venġelu tal-Ħadd li ġej.<br>Fis-7:00pm Laqgħa ta' formazzjoni miftuħa għall-adulti kollha però hija indirizzata b'mod sepeċjali lill-ġenituri tat-tfal li jattendu d-duttrina, b'mod partikolari għal dawk li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof dis-sena. |
| **Il-Ħamis 14** | Wara l-quddiesa tas-6:00pm: ftit ħin ta' adorazzjoni u Barka Sagramentali |
| **Il-Ħadd 17** | **Ir-Raba' Ħadd tal-Għid – Jum il-Vokazzjonijiet**<br>"Lin-nagħaġ tiegħi nagħtihom il-ħajja ta' dejjem." Tkun ħaġa ferm sabiħa li llum notolbu għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi u għal kull min għandu rwol ta' tmexxija fil-Knisja, sabiex ikompli jikber fil-għerf, fil-ħniena u fil-qdusija. |
| **It-Tlieta 19** | Wara l-quddiesa tas-6:00pm: laqgħa dwar il-Venġelu tal-Ħadd li ġej. |
| **Il-Ħamis 21** | Wara l-quddiesa tas-6:00pm: ftit ħin ta' adorazzjoni u Barka Sagramentali |
| **Il-Ħadd 24** | **Il-Ħames Ħadd tal-Għid**<br>"Jiena d-dielja, intom il-friegħi, min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott." |
| **It-Tlieta 26** | Wara l-quddiesa tas-6:00pm: laqgħa dwar il-Venġelu tal-Ħadd li ġej. |
| **Il-Ħamis 28** | Wara l-quddiesa tas-6:00pm: ftit ħin ta' adorazzjoni u Barka Sagramentali. |





# Ikompli t-Tberik tal-Familji 2016

*Jibda dejjem fl-4.30pm*

**APRIL**

| | |
|---|---|
| **It-Tlieta 5:** | Triq Ġ. Orlando. |
| **L-Erbgħa 6:** | Parti minn Triq Ħal Qormi (minn Triq Notabile sa qabel Misraħ 28 ta' Frar). |
| **Il-Ġimgħa 8:** | Triq F. Busuttil, Misraħ 28 ta' Frar u parti minn Triq Ħal Qormi (minn Misraħ 28 ta' Frar sal-*bus terminus*). |
| **It-Tlieta 12:** | Triq K. Żerafa. |
| **L-Erbgħa 13:** | Parti minn Triq il-Knisja l-Qadima (mill-knisja 'l isfel), Triq San Vinċenz u Triq il-Kolleġġjata. |
| **Il-Ġimgħa 15:** | Parti minn Triq il-Knisja l-Qadima (mill-knisja 'l fuq). |
| **It-Tlieta 19:** | Triq E. Schembri u Triq S. Mizzi. |



## Ħinijiet tal-Quddies u tal-Uffiċċju Parrokkjali

**Ħinijiet tal-Quddies**
*Mit-Tnejn sas-Sibt:* 7.00a.m., 8.30a.m., 6.00p.m.
*Il-Ħadd:* 7.00a.m., 8.30a.m., 10.00a.m., 6.00p.m.

**Tixtieq tqerr?**
Idħol fis-sagristija qabel jew wara l-quddiesa.

***Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali:***
*It-Tnejn u l-Erbgħa:*
4.30p.m. – 5.30p.m.
*Is-Sibt:* 9.30a.m. – 11.00a.m.
*Tel:* 21 448 026 / 27 448 026
*E-mail:* parrocca.b'kara.sm@maltadiocese.org